MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1437/2005

**Middle Sea Insurance plc ( C 5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raymond Galea abbasi tal-polza tal-Assigurazzjoni u tal-Ligi u l-istess Elaine Grech (7266 M)**

**Vs.**

**Joseph Attard**

**It-Tribunal**
Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' mitejn u tnejn u tmenin Lira Maltin (Lm282c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-risposta fejn l-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-Road Accident Report fejn Elaine Grech qalet:

“Kont gejja min Triq il-Mithna, hrigt u kif wasalt fil-croassroad ma’ Triq Prof. Vassallo – rajt il-vettura FAD586 hierga – tajt brake pero hbatna xorta”.

Bhala hsara kellha “front bumper” u “front bonnet”.

Ra li l-konvenut qal kif gej:

“Kont hiereg fi Triq Prof. N. Vassallo – hrigt ftit – il-vettura AAT558 harget minn Triq il-Mithna minghajr ma’ waqfet – zammejt il-brake izda xorta saret il-kollizjoni.”

Bhala hsara kellhu l-“front bumper”.

Ra x-xhieda ta’ Elaine Grech fejn tikkonferma li qalet fir-road accident report. Tghid ukoll illi hemmhekk hemm caution sign u ghalhekk waqfet sabiex tara jekk kienx gej xi hadd. Hekk kif ma’ rat lil hadd gej, hija harget u sar l-impatt. Il-konvenut hareg mill-genb fuq ix-xellug taghha.

Fil-kontro-ezami terga tikkonferma li l-konvenut ma’ ratux qabel il-habta.

Ra x-xhieda ta’ Andrew Pizzuto li jahdem bhala Claims Manager mal-Melita Insurance Agency agenti tal-Middlesea fejn jikkonferma l-ammont mitlub f’din il-kawza.

Ra x-xhieda ta’ Warden Roger Attard fejn jikkonferma l-iskizz kif ukoll r-road accident report. Jikkonferma li min fejn kienet hierga Elaine Grech, jigifieri minn Triq il-Mithna, hemm ‘give way’ u mhux ‘stop sign’.

Jghid illi skond l-iskizz jidher li l-karozza hierga minn Triq Profs. Vassallo ried johrog iktar mill-stop sign biex jara l-vetturi gejjin minn triq il-Mithna.

Jghid ukoll illi Elaine Grech ma qaletx li waqfet ghal kollox fil-give way sign.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi waqaf fuq l-stop sign u hekk kif rega saq, Grech laqtitlu l-parti ta’ quddiem tal-vettura tieghu.

Fil-kontro-ezami l-konvenut jghid illi meta waqaf fuq l-istop sign hares fuq in-naha tal-lemin tieghu u fuq l-istop sign kull ma’ setgha jara huwa boundary wall. Il-konvenut kellu jieqaf u ma jimxix qabel ma assikura ruhu li seta johrog fuq il-main road minghajr ma jostakola l-vetturi hemm. Meta tkellem mal-warden il-konvenut ma qalx li waqaf izda li kien hiereg minn triq Profs N. Vassallo, hareg ftit, imbaghad meta ra l-vettura l-ohra zamm il-brake. Jigifieri ezatt wara l-kollizzjoni l-konvenut ma qalx li waqaf fejn l-istop sign izda ghafas il-brake wara li kien hareg u wara li ra l-vettura l-ohra.

Illi fl-Artikolu 213 tal-Highway Code ghandu jigi kkunsidrati:

“at an intersection or junction of a major road and a minor road, traffic on the latter should give way to traffic on or coming off the major road”.

Mill-iskizz jirrisulta li l-konvenut kien hareg ftit fuq il-main road. Il-konvenut kellu l-obbligu li jaghti precedenza ghal traffiku li kien ghaddej mill- “major road”; kellu l-obbligu li jara dawk il-vetturi fuq il-major road u johrog biss meta setgha jaghmel hekk minghajr ma jostakola vetturi ohra. (ara Attard vs. Zammit PA 16/4/1993 u Bianchi vs. Patinott PA 18/5/1995 u Fogg vs. Vella (Appell 2141/95).

Gew ezebiti s-survey report u kopji tar-ricevuti u jidhru ragjonevoli.

Ghaldaqstant t-Tribunal jilqa t-talba tas-socjeta attrici, jiddikjara li l-konvenut kien unikament risponsabbli ghal incident in kwistjoni jikkundanna lil konvenut ihallas mitejn u tnejn u tmenin Lira Maltin Lm282 bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali ta’ tat-12 ta’ Mejju 2005.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------